



P9_TA(2024)0343

L-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent (COM(2023)0692 – C9-0408/2023 – 2023/0397(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2025/3769)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0692),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 212 u 322(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0408/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tat-30 ta' Jannar 2024 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' April 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Baġits fis-sens tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0085/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament u l-Kunsill annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ , Għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

P9_TC1-COD(2023)0397

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2024/1449.)

ANNEX TAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nomenklatura baġitarja xierqa għall-Faċilità għall-Balkani tal-Punent

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rapportar. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja skont it-Trattati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill beħsiebhom jirrevedu n-nomenklatura tal-Faċilità, pereżempju dwar l-appropriazzjonijiet għal kull benefiċjarju, biex jiżguraw skrutinju politiku u baġitarju xieraq. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'mod dovut din id-dikjarazzjoni, kif xieraq, fit-thejjja tal-Abbozz tal-Baġit 2025.
